# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 734R/99**

**Numru 27**

**John u Rosanne konjugi Galea**

**vs**

**Manwel Grech**

Il-Qorti,

Rat l-att ta' citazzjoni li bih l-atturi wara li ppremettew illi huma gew notifikati bl-avviz anness mac-citazzjoni bhala Dok "A", li kien jirrigwarda kawza maghmula mill-konvenut lill-atturi;

Illi kif jirrizulta car, tali avviz jindika b'mod car u univoku li l-kawza kellha tibda tinstema' fl-24 ta' Ottubru 1999;

Illi di fatti kien f'dawn l-ahhar jiem, li l-atturi saru jafu li din il-kawza fil-fatt giet deciza fl-1 ta' Marzu, 1999;

Illi allura l-atturi gew notifikati b'mod hazin u ghalhekk ghall-effetti u fini tal-ligi, huma qatt ma gew notifikati validalment.

Illi ghalhekk hemm lok li s-sentenza moghtija tigi mhassra u tigi ordnata r-ritrattazzjoni tal-kawza ai termini tal-artikolu 811(b).

Talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex, ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tordna li s-sentenza moghtija fl-1 ta' Marzu 1999 fl-atti tal-kawza tal-avviz sudett tigi mhassra u annullata; u

2. Tordna li l-kawza fl-ismijiet premessi tigi mismugha mill-gdid u cioe' ritrattata.

Bl-ispejjez. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi li biha l-atturi qalu u Rosanne Galea ikkonfermat bil-gurament:

1. Illi l-esponenti gew notifikati bl-avviz li qed jigi anness mac-citazzjoni bhala Dok "A", li kien jirrigwarda kawza maghmula mill-konvenut lill-esponenti;

2. Illi kif jirrizulta car, tali avviz, jindika b'mod car u univoku li l-kawza kellha tibda tinstema' fl-24 ta' Ottubru, 1999;

3. Illi di fatti kien f'dawn l-ahhar jiem, li l-esponenti saru jafu li din il-kawza fil-fatt giet deciza fl-1 ta' Marzu 1999;

4. Illi allura l-esponenti gew notifikati b'mod hazin u ghalhekk ghall-effetti u fini tal-ligi, huma qatt ma gew notifikati validalment;

5. Illi ghalhekk hemm lok li s-sentenza moghtija tigi mhassra u tigi ordnata r-ritrattazzjoni tal-kawza ai termini tal-artikolu 811(b).

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-konvenut (fol 8 tal-atti) li biha eccepixxa:

Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez minn din l-Onorabbli Qorti, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici, kif dedotti fic-citazzjoni odjerna ma jirrikwadrawx ruhhom fid-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u cioe' l-Artikolu 812 li jitkellem dwar ritrattazzjoni ta' kawzi decizi mill-Qorti ta' l-ewwel grad, stante li l-atturi qeghdin jiccitaw l-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li titkellem esklussivament fuq ritrattazzjoni ta' kawzi decizi fl-Appell, sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna li sentenza moghtija minn Qorti ta' l-ewwel grad tigi mhassra u annullata u li l-kawza li fiha nghatat din l-istess sentenza tigi ritrattata (ara sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet Joseph Mifsud et noe vs Giovanni sive Gianni Vella tat-30 ta' Marzu, 1995, kopja taghha annessa u markata Dok "A");

Illi fit-tieni lok, u bla hsara ghas-suespost, ghaliex ir-rimedju ta' ritrattazzjoni "huwa wiehed ta' indoli straordinarja u r-regoli li jirregolawha huma ta' interpretazzjoni strettissima" (Sentenza tat-13 ta' Gunju, 1995 moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Isidoro Agius vs Giuseppi Bugeja, kopja taghha annessa u mmarkata Dok B) u ghaliex l-Artikolu 811 sub-inciz (b) jitkellem fuq nuqqas ta' notifika u mhux notifika invalida, it-talbiet attrici ibbazati fuq allegata notifika invalida ma jinkwadrawx ruhhom fl-artikolu msemmi;

Illi, fit-tielet lok, stante li l-atturi gew notifikati b'kopja ta' l-avviz fit-12 ta' Frar, 1999 u cioe' qabel id-data ta' l-24 ta' Frar, 1999 li tidher ukoll fuq din l-istess kopja (annessa mac-citazzjoni odjerna u mmarkata Dok A) u naqsu li jivverifikaw l-ahhar verbal ta' qabel dik id-data bir-rizultat li ma dehrux f'dik id-data, huma kellhom htija f'dak li gara u ghalhekk kif ghallmet tajjeb il-Qorti tal-Kummerc fl-kawza Carmelo Aquilina vs Lawrence Ciantar noe deciza fis-27 ta' April, 1992 (kopja tas-sentenza annessa u mmarkata Dok C), bhal fil-kawza odjerna, min jitlob ritrattazzjoni "jkun irid jipprova sodisfacentement li ma kellu ebda htija f'dak li gara ...... "(ara wkoll sentenza tas-26 ta' April 1993 moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Karmenu Mifsud Bonnnici noe et vs John Scicluna noe et, kopja taghha annessa u markata Dok D).

Salv, jekk ikun il-kaz eccezzjonjiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-imsemmi konvenut li biha espona u bil-gurament ikkonferma:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez minn din l-Onorabbli Qorti, u dan ghar-ragunjiet segwenti;

2. Illi l-esponenti kien ipprezenta kawza kontra l-atturi fis-26 ta' Gunju, 1998 liema kawza kienet giet appuntata ghal 5 ta' Ottubru, 1998 ghall-ewwel dehra;

3. Illi ghal din l-ewwel dehra u ghaz-zewg seduti ta' wara, u cioe' fil-25 ta' Novembru 1998 u fis-26 ta' Jannar, 1999, l-atturi ma kienux notifikati;

4. Illi fid-19 ta' Jannar, 1999 l-esponenti kien ipprezenta rikors ghan-notifika wara l-hinijiet legali, liema rikors kien gie milqugh minn din l-Onorabbli Qorti fil-25 ta' Jannar, 1999;

5. Illi fit-12 ta' Frar, 1999 l-atturi kienu gew notifikati b'kopja ta' l-avviz de quo, u kif jindika dan l-istess avviz, il-kawza kienet thalliet ghall-24 ta' Frar, 1999;

6. Illi fl-24 ta' Frar, 1999 stante li l-atturi naqsu li jidhru, gew ipprezentati l-kapitoli u fl-1 ta' Marzu, 1999 inghatat is-sentenza li minnha ma kienx hemm appell;

7. Illi t-talbiet attrici kif dedotti fic-citazzjoni odjerna ma jinkawdrawx ruhhom fid-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), u cioe' l-artikolu 812 li jitkellem

dwar ritrattazzjoni ta' kawzi decizi mill-Qorti ta' l-ewwel grad, stante li l-atturi qieghdin jiccitaw l-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li titkellem esklussivament fuq ritrattazzjoni ta' kawzi decizi fl-appell, sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna li sentenza moghtija minn Qorti ta' l-ewwel grad tigi mhassra u annulata u li l-kawza li fiha nghatat din l-istess sentenza tigi ritrattata (ara sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet Joseph Mifsud et noe vs Giovannni sive Gianni Vella tat-30 ta' Marzu, 1995, kopja taghha annessa u markata Dok "A");

8. Illi bla hsara ghas-suespost, ghaliex rimedju ta' ritrattazzjoni "huwa wiehed ta' indoli straordinarja u r-regoli li jirregolawha huma ta' interpretazzjoni strettissima" (Sentenza tat-13 ta' Gunju, 1995 moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Isidoro Agius vs Giuseppi Bugeja, kopja taghha annessa u markata Dok B) u ghaliex l-Artikolu 811 sub-inciz (b) jitkellem fuq nuqqas ta' notifika u mhux notifika invalida, it-talbiet attrici ibbazati fuq allegata notifika invalida ma jinkwadrawx ruhhom fl-artikolu msemmi.

9. Illi stante li l-atturi gew notifikati b'kopja ta' l-avviz fit-12 ta' Frar, 1999 u cioe qabel id-data ta' l-24 ta' Frar, 1999 li tidher ukoll fuq din l-istess kopja u naqsu li jivverifikaw l-ahhar verbal ta' qabel dik id-data bir-rizultat li ma dehrux f'dik id-data, huma kellhom htija f'dak li gara u ghalhekk kif ghallmet tajjeb il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza Carmelo

Aquilina vs Lawrence Ciantar noe deciza fis-27 ta' April, 1992 (kopja tas-sentenza annessa u mmarkata Dok C), bhal fil-kawza odjerna, min jitlob ritrattazzjoni "jkun irid jipprova sodisfacentement li ma kellu ebda htija f'dak li gara ...." (ara wkoll sentenza tas-26 ta' April, 1993 moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et, kopja taghha annessa u mmarkata Dok D).

Rat l-anessa lista ta' xhieda u ta' dokumenti esebiti mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, f'dawn il-proceduri, gew annessi l-atti kollha b'referenza ghall-kawza imsemmija fic-citazzjoni ossija Avviz Nru 1305/98MM u fl-ismijiet "Manwel Grech vs John u Rosanne konjugi Galea" u decisa mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-1 ta' Marzu 1999 (ara fol 46 u 47 ta' dawn l-atti).

Illi ghalhekk jkun opportun f'dan l-istadju li ssir sintesi ta' dak kollu li gara fl-imsemmija kawza decisa kif risultanti mill-atti esebiti.

a) L-avviz in esami gie presentat mill-attur fis-26 ta' Gunju 1998 u appuntat ghas-smiegh ghall-5 ta' Ottubru 1998 fid-9.a.m.

b) F'din id-data, irrizulta li l-atturi odjerni ma kienux notifikati bl-avviz u bl-appuntament u b'hekk il-kaz gie differit ghall-25 ta' Novembru 1998 ghal dan il-ghan.

c) F'din id-data, jidher li l-kawza giet differita ghall-26 ta'Jannar 1999 ghall-istess skop.

d) Inoltre fid-19 ta' Jannar 1999, kien gie presentat rikors mill-konvenut odjern ghan-notifika tal-atturi presenti sabiex dawn jigu notifikati wara il-hinijiet legali, liema rikors kien gie akkolt fit-25 ta' Jannar 1999.

e) Xorta wahda jidher li l-konvenuti kienu ma gewx notifikati u ghalhekk l-istess kaz kien gie differit, dejjem ghal dan l-iskop, ghall-24 ta' Frar 1999.

f) Finalment jidher li l-avviz u l-mozzjoni tal-appuntament gew notifikati lill-attur presunt fit-12 ta' Frar 1999.

g) Fis-seduta tal-24 ta' Frar 1999 mill-verbal relattiv jidher li l-istess atturi avolja notifikati ma kienux dehru quddiem il-Qorti u fl-istess seduta kien gie presentat u approvat kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u s-smiegh tal-kawza kien gie differit ghal dan il-ghan ghall-1 ta' Marzu 1999.

h) F'din is-seduta, l-atturi ma kienux dehru u ghalhekk, il-kawza giet decisa billi intlaqghet, mill-Qorti, it-talba attrici.

i) Pero', f'dawn l-atti a fol 49 et seq ibid l-attur, John Galea, xehed li kien minnu li kien gie notifikat bl-avviz imsemmi. Difatti, hu esebixxa l-avviz kif notifikat lilu u lill-martu u specifika "Fuq in-naha ta' isfel tal-avviz kif notifikat lili hemm indikat, bic-car, illi l-kaz relattiv kien differit ghall-24 ta' Ottubru 1999 (ara ukoll fol 2 ta' dawn l-atti). Ghalhekk hu informa lill-Avukat tieghu b'din id-data. Sussegwentement, kif spjegat fix-xhieda tieghu hu sar jaf bis-sentenza moghtija kontra tieghu u martu (ara ukoll iz-zewg envolopes a fol 52 u 53 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi kif esposti, jidher li fil-kopja tal-avviz in esami kif notifikata lill-atturi, individwalment, kien hemm imnizzlin is-segwenti "u differita ghall-24 ta' Ottubru 1999" u ghalhekk jirrizulta li l-istess atturi kienu

gew notifikati bl-avviz izda b'data ta' differiment hazina. Ghalhekk l-atturi odjerni qed jibbazaw it-talbiet taghhom fuq dawn il-fatti risultanti mill-provi skond kif jistipula l-artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Hawnhekk jinghad minnufih li oltre ghall-artikolu citat seta' jsir ukoll accenn ghall-artikolu 812 tal-istess Kapitolu.

Illi l-artikolu 811 subinciz (b) jghid illi kawza deciza fi grad ta' Appell tista' tigi ritrattata ghal diversi ragunijiet fosthom dik stipulata fis-subinciz (b) cioe jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet notifikata lill-parti telliefa basta li din il-parti mhux notifikata ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza. Fil-kaz in desamina kif di gja inghad, l-avviz kien gie notifikat lill-atturi telliefa izda bid-data ta' differiment erronea. Fil-fehma tal-Qorti notifika ta' avviz sabiex parti tidher il-Qorti f'data hazina anzi madwar seba' xhur wara li tkun giet prolatata s-sentenza, hu ekwivalenti ghal nuqqas ta' notifika. Inoltre jigi sottolineat li, kif jidher mill-verbali citati, l-atturi odjerni qatt ma kienu dehru quddiem il-Qorti li kienet qed tisma il-kaz taghhom bhala konvenuti.

Illi l-artikolu 812 imsemmi, li jittratta dwar ritrattazzjoni ta' kawzi decisi f'Qorti tal-ewwel grad, jispecifika li kawza decisa finalment fl-ewwel grad tista' tigi ritrattata ukoll f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu fosthom dak hawn fuq citat, basta l-parti tkun giet taf bil-fatti a basi tar-ritrattazzjoni wara gheluq iz-zmien tal-Appell. Kif di gja

inghad, is-sentenza in kwistjoni inghatat fl-1 ta' Marzu 1999 u l-attur (fol 49 u 50 ibid) xehed li sar jaf b'dan il-fatt "ghal habta ta' Mejju", fatt li ma giex kontestat. Minn dan jidher evidenti li l-istess attur kien sar jaf b'dak li gara wara li skada t-terminu tal-Appell.

Ikkunsidrat

Illi jinghad li, kif notifikati, l-atturi kienu gustifikati sabiex jikkonkludu li filfatt, il-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni kellha tinstema' fl-24 ta' Ottubru 1999, kif hemm specifikat fl-avviz kif notifikat lilhom u l-Qorti ma tarax xi htija da parti taghha ghal dak li effettivament gara.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tichad l-eccezzjonijet tal-konvenut tilqa' it-talbiet attrici u:

1. Tordna li s-sentenza moghtija fl-ewwel (1) ta' Marzu 1999 fl-atti tal-kawza tal-avviz suddett tigi imhassra u annullata;

2. Tordna li l-kawza fl-ismijiet premessi tigi mismugha mill-gdid u cioe ritrattata.

In rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi tal-kaz in desamina, tordna li kull parti tbati l-ispejjes taghha. Inoltre il-Qorti tordna li l-atti kollha

jintbaghtu lir-Registratur tal-Qorti sabiex jigu assenjati skond il-Ligi lill-Qorti kompetenti.

Alan Calleja
Dep.Reg